Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 248/2009AE

**Charles Cutajar**

**Vs**

**Kevin Sciberras**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' avviz prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' tmint elef u mitejn Ewro [€8,200] rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' dawl u ilma li ghamel fuq inkarigu tal-konvenut, li tikkonsisti f'bilanc ta' somma akbar.

Il-konvenut wiegeb li:-

1. Kien hallas dak li kien dovut lill-attur.
2. Ghalkemm talab diversi drabi rendikont tax-xoghlijiet, l-attur qatt ma pprezenta tali rendikont.
3. Wara li tlestew ix-xogholijiet l-attur qabad u talab lill-konvenut is-somma ulterjuri ta' tmint elef u mitejn ewro (€8,200) minghajr gustifikazzjoni ghal x'hiex kien dak l-ammont u dejjem minghajr rendikont tax- xoghlijiet.
4. Illi ghalkemm l-istess konvenut talab diversi drabi lill-attur imsemmi rendikont, l-attur qatt ma baghathom, izda baghat ittra tramite l-konsulent legali tieghu sabiex jitlob is-somma ta' tmint elef u mitejn ewro (€8,200).
5. Illi fl-ittra responsiva tieghu il-konvenut offra li la darba l-attur jipprezenta rendikont ta' xhiex kienu jikkonsistu l-pretenzjonijiet tieghu u dejjem jekk dawn l-ispejjes jirrispekkjaw dak li kienu ftehmu fuqu hu kien lest li jhallas xi bilanc, dejjem jekk kien bilanc dovut ghax fil-fehma tal- konvenut xejn mhu dovut u certament mhux is-somma ta tmien t'elef u mitejn ewro (€8,200).
6. Illi, jkompli jghid il-konvenut, l-attur xorta baqa' m'ghamilx rendikont u fetah il-kawza odjerna minghajr m'ghamel rendikont ta' xhiex qed jitlob l-ispejjes li qed jallega li huma dovuti.

B'sentenza tal-25 ta' Mejju 2012, il-qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talba tal-attur limitatament fis-somma ta' €6,242, bl-imghax mid-data tas-sentenza. L-ewwel qorti qalet:-

*"Jirrizulta mill-provi prezentati illi l-konvenut kien qabbad lir-rikorrenti sabiex jaghmel xi xoghlijiet fuq il-fond tieghu ossia 12, Santa Catherina, Gudja.*

*Jirrizulta wkoll li l-attur kien ghadda stima ta' xoghlijiet, liema stima l-Qorti qed tindika li hija dokument CC1 a fol 14 tal-process datata 15 t'Ottubru, 2008, liema stima hija aktar mill-istima indikazzjoni tar-rati illi l-istess attur kien ser juza biex jikkalkola x-xoghlijiet illi huwa kien ser jaghmel.*

*Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti illi l-attur kien hareg tlett kontijiet lill-istess konvenut, liema kontijiet jiddataw 9 ta' Settembru 2008, 18 ta' Jannar, 2009, 2 ta' Mejju, 2009.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi ghalkemm mhijiex skuza tal-konvenut illi ma jaghmilx il-hlasijiet in vista tal-fatt illi l- kontijiet huma konfusi u mgerfxin. Tali konkluzjoni ma tistax ma titqiesx ukoll mill-Qorti peress illi harsa lejn il- konteggji juri illi l-mod legger u xejn professjonali kif gew redatti tali kontijiet certament ma kienx wiehed felici u certament ma kienx wiehed illi jwassal biex lill-konvenut ikun jaf bic-cert dwar x'kien jew mhux qed isir ix-xoghlijiet.*

*Jirrizulta wkoll li l-istess attur ma kienx a korrent ta' pagament ta' elfejn ewro illi sarlu fis-16 ta' Novembru, 2008.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi ghalkemm zewg cekkijiet ta elfejn ewro inhargu mill-konvenut lill-attur fit-30 ta' Settembru 2008 u fis-16 ta' Novembru 2008, min-naha l-ohra l-unika pagament li qed jindika l-attur illi sar ta' elfejn ewro fit-8 t'Ottubru 2008 liema data ma tirrispekkja fl-ebda miz-zewg pagamenti illi saru min-naha tal- konvenut. Dan certament ma jirriflettix sew dwar il- kontabilita tal-attur u l-mod kif kien qed jirredigi l-kontijiet tieghu. Allura l-Qorti tista' tifhem ir-reticjenza tal-konvenut milli jaghmel xi pagamenti qabel ma jifhem il-kontijiet.*

*Madanakollu, il-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenut fejn huwa jghid fl-eccezzjoni tieghu illi huwa hallas ghal kollox peress illi jirrizulta car mill-fatti kollha u anke mid- dokumentazzjoni imressqa mill-istess konvenut stess illi huwa ma hallas ghall-ammont kollha.*

*Dato non concesso illi issa gie stabbilit illi l-pagament ta' elfejn ewro da parti tal-konvenut attwalment sar u allura la darba l-attur kien qabel anke fix-xhieda tieghu illi huwa jnaqqas l-ammont pretiz b'elfejn ewro, il-Qorti allura tikkonsidra illi l-ammont issa mertu tal-kaz odjern ghandu jkun ta' sitt elef u mitejn ewro (€6,200) u mhux ta' tmien t'elef u mitejn ewro (€8,200) kif inizjalment indikat fl-avviz.*

*Il-Qorti imbaghad taghmel riferenza wkoll ghad- dokumentazzjoni u kalkoli redatti mill-istess konvenut liema konvenut jistqarr a differenza ta' dak li qal fl- eccezzjonijiet tieghu attwalment jikkontendi li huwa jrid ihallas biss hames mija u sebgha u tletin ewro u hamsa u tletin centezmu (€537.35). Ghal dan huwa jipprovdi dokumentazzjoni fejn jaghti l-istimi tieghu dwar kemm kellu jsir ix-xoghol u jnaqqas unilateralment il-kontijiet rezi mill-istess attur.*

*Il-Qorti ghalkemm tifhem illi l-konvenut kien qed jipprova jaghmel ezercizzju sabiex jillimita d-danni tieghu, certament thoss li l-istess konvenut mhuwiex il-persuna idonea u lanqas kompetenti sabiex tindika x'saru xoghlijiet u x'ma sarux xoghlijiet u fejn kellhom jitnaqqsu l-ammonti ta' flus. Din hija ta' kompetenza ta' perit u certament il- Qorti ma tistax tqis il-konkluzjonijiet li fuqha tista' tistrieh hi.*

*Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnutax li fl-eccezzjonijiet tal- istess konvenut l-uniku eccezzjoni bazilari hija li huwa ma jridx ihallas assolutament xejn peress illi talbu diversi rendikontijiet u tali rendikontijiet qatt ma nghatawlu. Qatt ma ntalbet min-naha tal-konvenut li l-ammont dovut jigi ridott minhabba jew xoghlijiet li mhumiex skont is-sengha u l-arti jew minhabba dewmien u allura l-Qorti ma tista' bl- ebda mod tnaqqas l-ammonti dovuti ghal tali tip ta' ragunijiet.*

*Tenut kont ta' dawn il-fatti kollha il-Qorti ma tistax ma tistriehx fuq id-dokumentazzjoni ghalkemm maghmula kemm xejn bil-legger tal-attur u ghal provi tal-pagamenti illi kien ghamel il-konvenut b'mod illi jirrizulta allura li l- attur ghamel xoghlijiet fl-ammont ta' tlettax-il elf, hames mija u tlieta u sebghin ewro (€13,573) u dan inkluz il-VAT filwaqt illi l-konvenut hallas l-ammont ta' sebat elef, tlett mija u wiehed u tletin ewro (€7,331) u dana permezz ta' pagamenti kif fuq gja indikati. Allura jidher car li l-ammont attwalment dovut huwa dak ta' sitt elef mitejn u tnejn u erbghin ewro (€6,242) u mhux dak ta' tmien t'elef mitejn u tnejn u erbghin ewro (€8,242) kif indikat mill-istess attur originalment".*

L-aggravju tal-konvenut hu dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti. Hu argumenta li:-

1. L-appellat ma kienx ghamel ix-xogholijiet kollha li kienu gew miftiehma li jsiru fil-fond tieghu bl-indirizz 12, Triq Santa Katerina, Gudja, kif ukoll saru xogholijiet mhux sew u li bdew jikkagunawlu hsarat, u li da parti tieghu l-appellant kien ihallas skond ix-xogholijiet li effettivament kienu jkunu lahqu saru. Illi dan 'il fatt jispjega ghaliex effettivament hallas ammont ferm inqas minn dak li kien qed jippretendi l-appellat. Il-hlas li ghamel kien ammont ekwivalenti ghax-xoghol li sar.
2. Zied li l-kontijiet li kien jinghata kienu konfuzi u gerfxuh, sahansitra kien hemm istanzi fejn l-istess kont ma kienx jaqbel ma' l-istima moghtija originarjament, u f'aktar minn okkazjoni wahda talab kjarifika ta' l-istess kontijiet minghand l-appellat. Izid jghid li huwa anke talab rendikont aktar dettaljat, raguni pjuttost ragonevoli sabiex wiehed ikun jaf ezatt ghalxiex qed ihallas, liema kont baqa' ma wasal qatt. Illi mill-provi prodotti mill-appellant jirrizulta wkoll illi certu *invoices* moghtija lilu mill-appellat jindikaw prezzijiet differenti u dan minkejja li qed jirreferu ghall-istess oggett, izda li jkun gie imwahhal f'post iehor.
3. Illi rrizulta wkoll illi l-appellat avvanza pretensjoni fil-konfront ta' l-appellant abbazi ta' fatti illi lanqas huwa cert minnhom, u dan stante illi meta gie mistoqsi fejn saru x-xogholijiet huwa stqarr li saru go fond fi Triq li kien jisimha tal-Karmnu, meta bhala stat ta' fatt u hekk kif gie ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, ix-xogholijiet ma sarux gol-fond bl-indirizz moghti mill-appellat izda go 12, Triq Santa Katerina, Gudja. Illi dan il-fatt minnu nniffsu jkompli jqajjem id-dubju fuq kemm jista' jitqies kredibbli l-appellat.
4. Hu principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi <u>l-oneru tal-prova hu dejjem fuq min qieghed jallega l-fatt</u>. Illi minkejja dan, l-appellat strah biss fuq il-verzjoni tieghu u ta' ibnu Kurt li kien jghinu fix-xogholijiet, kif ukoll fuq kopja ta' kontijiet u stimi li ghadda lill-appellant. Illi l-attur appellat lanqas prezenta rapport *ex parte* ta' dak li kien qed jallega. Illi dan baqa' qatt ma sar u ghaldaqstant ma jistax jitqies illi l-appellat ha l-mizuri kollha sabiex jiprova l-pretensjoni tieghu, u stante' tali nuqqas ma jistax jitqies illi dak minnu premess seta jigi meqjus bhala ppruvat;
5. Il-qorti tista' tillikwida *arbitro boni viri*, izda f'dan il-kaz m'ghamlitx hekk u strahet esklussivament fuq il-verzjoni tal-attur, li fiha nnifisha m'hijiex bizzejjed biex tasal ghal decizjoni ragonevoli f'dan ir-rigward. Illi, del resto, l-Ewwel Onorabbli Qorti tat ragun lill-appellant illi l-kontijiet

pprezentati mill-appellat m'humiex cari. Illi l-istimi li kien ta l-appellat lill-appellant irrizulta li ma qablux mal-kontijiet prezentati mill-appellat, liema kontijiet jiffurmaw it-talba ta' l-attur, u allura hemm konfuzjoni, nuqqas ta' kjarezza u nkonsistenza, l-Ewwel Qorti xorta wahda tat ragun li m'huwiex misthoqq lill-appellat.

6. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti f'pagna 9 tas-sentenza taghha, l-ewwel paragrafu irriteniet illi: *"Qatt ma ntalbet min-naha tal-konvenut li l-ammont dovut jigi ridott minhabba jew xogholijiet li m'humiex skond is-sengha u l-arti jew minhabba dewmien u allura l-qorti ma tista' bl-ebda mod tnaqqas l-ammonti dovuti ghal tali tip ta' ragunijiet"*. Ghalkemm huwa minnu li ma saritx eccezzjoni da parti tieghu li x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti, dan ma sarx ghaliex meta giet intavolata l-kawza u allura meta pprezenta r-risposta tieghu l-appellant, il-hsarat illi kien hemm fix-xogholijiet li kienu lahqu saru mill-appellat ma kienux apparenti, izda fuq binarji simili jinghad li r-rata moghtija mill-attur tax-xogholijiet li qed jallega li ghamel ma jirrispekkjax ix-xoghol li sar stante li dan ma kienx xoghol tajjeb, anzi, kien xoghol medjokri, li ma kienx jiswa l-flus li kien lahaq hallas l-appellant.
7. Il-kunflitt fil-provi ghandu jillimita favur il-konvenut.

L-attur wiegeb (13 ta' Gunju, 2012) li:-

1. L-Ewwel Qorti semghet ix-xhieda u b'hekk setghet tapprezza l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda. Haga li f'dan il-kaz hija ferm importanti minhabba li 'l kwistjoni tippernja ruhha fuq il-kredibilita' tal-partijiet. Illi ghalhekk ikun imprudenti li f'dan l-istadju jkun hemm varjazzjoni fis-sentenza u dana wara li l-Qorti analizzat minn min fost ix-xhieda qal li l-verita' jew le.
2. Illi inoltre' inghad li l-intimat appellant imbarka fuq ezercizzju fejn huwa pprova jhawwad lill-qorti billi tefa kemm felah cifri u dana bil-ghan li b'mod zlejali ghal ahhar qed jittanta jhawwad kemm jiflah fil-figuri sabiex jipprova jittanta jbiddel il-verzjoni tal-ammonti li fil-fatt huma dovuti.
3. Illi ta' min jghid li sa mill-bidu l-appellanti kien qed jghid li huwa konxju li ghandu jhallas xi ammont izda wera reticenza kbira biex fil-fatt ihallas dan l-ammont li huwa dovut.
4. Illi inoltre' meta wiehed jara l-verzjonijiet moghtija minn l-attur u x-xhieda minnu mressqa mill-ewwel wiehed jara li dan huwa kaz genwin da parti tal-attur fejn bazikament huwa hadem ix-xoghol kollu lill-konvenut appellant, xoghol li qatt ma gie kritikat fi kwalita' mentri l-appellanti da parti tieghu minfuq, flok ma' ssimplifika l-affarijiet sabiex l-appellat jithallas ta' xogholu u kulhadd ikun kuntent, ra kif ghamel sabiex johloq id-diffikultajiet kollha possibli u ezistenti u dana bil-ghan li hwua ma jhallasx dak li huwa dovut ta' xogholijiet li sarulu fid-dar tieghu. Illi ghalhekk certament li dana l-umli appell tal-appellanti ma ghandux jigi milqugh u dana peress li dana l-appell qed isir mill-

appellanti sempliciment sabiex jiehu 'cans' ma jhallasx dak li huwa minnu dovut u dan li ilu dovut minnu snin issa;

5. Illi inoltre', mhux biss is-sentenza tal-Ewwel Qorti ghandha tkun kkonfermata izda dina l-Onorabbli Qorti ghandha taccerta li jkun hemm pronunzjament car u gust dwar il-kwistjoni tal-imghax.

Il-qorti rat l-atti.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-kawza titratta dwar talba ghal hlas fir-rigward ta' xoghol ta' dawl u ilma li l-attur ghamel fil-fond 12, Santa Caterina, Gudja fuq inkarigu tal-attur. Fl-avviz l-attur talab il-hlas tas-somma ta' €8,200. Il-konvenut iddefenda ruhu billi qal li hallas l-ammont li kien dovut lill-attur ghax-xoghol li ghamel u kemm-il darba talbu rendikont tax-xoghol li baqa' qatt ma gie pprezentat.

2. Il-qorti hi tal-fehma li d-decizjoni tal-ewwel qorti hi gustifikata meta tqis:

   (i) L-ilment tal-konvenut dwar xoghol mhux skond is-sengha u l-arti u xoghol li allegatament ma sarx, m'huwiex f'postu. Il-qorti kellha tiddeciedi fuq it-talba u l-eccezzjonijiet. Fil-fatt hekk ghamlet. Il-konvenut fl-ebda stadju ma talab il-permess biex jaghti iktar eccezzjonijiet. Ghalhekk ma jistax jippretendi li d-deposizzjoni tieghu tista' sservi biex izid eccezzjonijiet li ma jissemmewx fit-twegiba li pprezenta. L-istess jinghad fir-rigward tat-tezi tal-konvenut li fil-kontijiet hemm xoghol identiku li ssemma ghal darbtejn. F'kull kaz il-kontijiet huma maqsuma skond is-sular fejn sar ix-xoghol, u ma saritx prova cara tal-allegazzjoni.

   (ii) M'hemmx kontestazzjoni li d-dokumenti CC1-CC5 kienu nghataw lill-konvenut. Hu stess fir-rikors tal-appell ikkonferma li kien inghata l-istima u l-kontijiet[1]. Fis-seduta tat-23 ta' Frar 2010 il-konvenut xehed: *"…. kont tlabt rendikont iktar dettaljat minn dawn id-dokumenti li qed nara fil-process minghand ir-rikorrent. Jiena fil-fatt dak li jidher indikat a fol. 15 sa fol. 19 gerfixni, peress illi huma konfuzi"* (fol. 21). Minkejja dak li qalet l-ewwel qorti fir-rigward ta' dawn id-dokumenti, il-qorti hi tal-fehma li l-kontijiet huma cari u ma kienx hemm raguni biex igerrfxu lill-konvenut. Il-kontijiet[2] fihom deskrizzjoni cara tax-xoghol li sar f'kull sular tad-dar u l-prezz.

---

[1] Ara dik il-parti tal-appell intestata *Nuqqas ta' prova*.

[2] Datati 9 ta' Settembru 2008, 18 ta' Jannar 2009 u 2 ta' Mejju 2009.

(iii) L-appellant ilmenta li hemm diskrepanza fir-rigward ta' prezzijiet dikjarati fl-istima u kontijiet. Pero' dan japplika biss fir-rigward tal-*cooker unit* fl-ammont ta' Lm45 fl-istima. Fil-kont il-prezz li ntalab hu ta' Lm65. Zieda ta' Lm20 fuq stima m'hijiex differenza li jista' jkollha mpatt fuq il-mod kif tigi deciza l-kawza.

(iv) Il-qorti hi tal-fehma li l-konvenut ikkontradica wkoll lilu nnifsu. Fil-fatt fl-ewwel seduta li xehed[3] qal li ma fehemx il-kontijiet; *"Jien fil-fatt dak li jidher indikat a fol. 15 sa fol. 19 gerfixni, peress illi huma konfuzi"* (fol. 21). Pero' meta xehed it-tieni darba qal *"... ma qbiltx mieghu"* (fol. 29). Mela fehemhom.

(v) Fit-twegiba li pprezenta fl-ewwel qorti, il-konvenut ta l-impressjoni li l-attur qatt ma tah rendikont tax-xoghol li ghamel (ara per ezempju paragrafu 4). Il-kontijiet tal-attur huma fihom infushom rendikont.

(vi) Kontijiet hargu tlieta datati 9 ta' Settembru 2008, 18 ta' Jannar 2009 u 2 ta' Mejju 2009. Dawn inghataw lill-konvenut. Fil-fatt l-attur xehed: *"Nikkonferma li jiena bdejt naghmel ix-xoghol ta' electrician u plumber fil-fond tal-intimat billi bdejt fl-ewwel sular u bqajt tiela'. Wara kull sular kont nohrog kont ….."* (fol. 37). Mhu xejn kredibbli l-konvenut meta fit-twegiba qal li kien biss wara li tlestew ix-xogholijiet li "…. l-attur qabad u talab lill-konvenut is-somma ulterjuri ta' €8,200" (fol. 7). Dan ma jistax ikun minnu ghaliex mill-provi rrizulta li l-kontijiet ma nghatawx f'darba.

(vii) Il-qorti temmen li fuq bazi ta' probabilita' jekk kien hemm xi kwistjoni dwar l-ewwel zewg kontijiet, il-konvenut kien jaghmel xi haga biex jizgura li jew jigu riveduti jew inkellha jwaqqaf lill-konvenut milli jkompli bix-xoghol sakemm jigu diskussi. Pero' l-konvenut ghal ragunijiet li jaf hu stenna sat-3 ta' Novembru 2010 biex jipprezenta rendikont ta' dak li fil-fehma tieghu kien dovut lill-attur. Dan meta l-kontijiet kienu ilhom zmien twil ghandu.

(viii) Fir-rikors tal-appell, l-appellant argumenta li jekk l-appellat ried jipprova li x-xogholijiet saru, kellu jitlob in-nomina ta' perit tekniku sabiex jistabbilixxi li bhala stat ta' fatt ix-xoghol sar. Il-qorti tqies li ma kienx hemm htiega li ssir talba simili meta tqies l-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenut.

[3] Seduta tat-23 ta' Frar 2010.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant Sciberras.**

Anthony Ellul.